MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-23 ta' Jannar, 2013

Appell Kriminali Numru. 5/2013

**Il-Pulizija**

**v.**

**Lorraine Farrugia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Lorraine Farrugia talli fl-24 ta’ Awissu 2012 g]all-]abta ta’ 4.00 p.m. fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Sta. Venera:

(1) waqt li kienet qed issuq vettura Nru. THE-882 u kienet riesqa lejn *pedestrian crossing*, naqset li tnaqqas il-velocita` u tieqaf waqt li kienet qed tiġi wżata mill-pubbliku;

(2) saqet vettura Nru. THE-882 b’manjera perikoluża;

(3) saqet vettura Nru. THE-882 b'manjera traskurata;

(4) saqet vettura Nru. THE-882 b'manjera bla kont.

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmija persuna tiġi skwalifikata mil-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan għal perijodu ta' żmien li l-Qorti jidhrilha xieraq;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fil-11 ta' Diċembru 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitx lill-imsemmija Lorraine Farrugia ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom lliberatha;

**3.** Rat l-appell ta' l-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-3 ta' Jannar 2013 li permezz tiegħu talab li din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tqis bir-reqqa l-provi kollha ssib lill-imsemmija Lorriane Farrugia ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellata esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; semgħet il-provi; semgħet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-Avukat Ġenerali huwa fis-sens illi l-ewwel Qorti għamlet enunċjazzjoni żbaljata tal-provi. Dan jirrikjedi apprezzament mill-ġdid tal-provi u, kif kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**6.** Din il-Qorti eżaminat l-affidavit ta' P.S. 1195 C. Debattista u semgħet b'attenzjoni x-xiehda ta' Mary Grace Giordmaina u dik ta' l-appellata. Osservat l-ewwelnett illi hemm diskrepanza bejn dak li xehdet Mary Grace Giordmaina quddiem l-ewwel Qorti u dak li xehdet

quddiem din il-Qorti. Fis-sentenza appellata ġie ndikat li qalet li rrappurtat il-każ wara erbat ijiem għax kellha biża' kbir fuqha. Quddiem din il-Qorti qalet li kellha xokk iżda qalet ukoll li, peress illi taħdem l-għassa tar-Rabat, u ma kinitx xogħol kuljum, allura rrappurtat meta daħlet għax-xogħol. Bħall-ewwel Qorti din il-Qorti hi sorpriża kif ma għamlitx rapport minnufih jekk ġara dak kollu li ġiet akkużata bih l-appellata.

**7.** L-appellata xehdet b'mod naturali u b'mod kredibbli dwar dak li ġara, u dwar il-manuvra tal-karozza li kien hemm quddiemha li dehret li kienet ipparkjat. Inoltre ma tirriżulta ebda prova ta' xi sewqan eċċessiv hi tavviċina ż-*zebra crossing*.

**8.** Fi ftit kliem din il-Qorti mhijiex sodisfatta li l-imputazzjonijiet kif dedotti jirriżultaw *beyond reasonable doubt*. Għalhekk din il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti setgħet legalment u raġjonevolment tikkonkludi li l-appellata ma kinitx ħatja ta' l-imputazzjonijiet dedotti.

**9.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tiċħad l-appell ta' l-Avukat Ġenerali u tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-imsemmija Lorraine Farrugia ħatja ta' l-imputazzjonijiet kif dedotti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------